# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)

**Seduta mizmuma llum, 23 ta' April 2018**

**Rikors Numru: 237/15/1 CSH**

**The Yacht Shop Limited (C58195)**

**Vs**

**Dr. Christopher Chircop nominat bid-digriet tat-3 ta' Settembru, 2015 Kuratur Deputat ghal M/Y Regulus registrat fil-Brittanja, b'numru ufficjali 742687 u s-socjeta' estera Balant Group Limited, Intershore Chambers, Road Town, Tortola, British Virgin Islands**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat mis-socjeta' attrici fl-10 t'Awissu, 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill- konvenuti jhallsu s-somma ta' erbat elef, disa' mija w sitta w tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€4,986.25) rapprezentanti diversi provizjonijiet u riparazzjonijiet provduti lill-bastiment M/Y Regulus kif indikat fir-rendikont u fatturi, hawnhekk annessi u mmarkati bhala 'Dok. A', liema ammont huwa cert, likwidu u dovut u li huma naqsu li jhallsu minghajr ebda raguni valida fil-ligi u dan nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-fattura sal-pagament effettiv, minn issa kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Christopher Chirkop, Kuratur Deputat, kif prezentata f'dawn l-atti nhar id-9 ta' Ottubru, 2015 ( fol. 42) fejn ecepixxa s-segwenti:-

1. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti jigi eccepit illi dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-kompetenza sabiex tiddeciedi din il-kawza.*
2. *Illi The Yacht Shop Limited ghandha l-piz tal-prova u cioe' illi permezz tal-provi mressqa minnha trid tikkonvinci lil din l-Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li qeghdin jigu allegati huma fondati.*
3. *Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjara li m'ghandux konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant qieghed jirrizerva d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk huwa jsir konoxxenti ta' fatti relatati ma' dan il-kaz.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunta in subizzjoni."*

Semghet l-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw l-ewwel eccezzjoni dwar il-kompetenza u dan fl-istess seduta tas-16 ta' Dicembru 2015 fejn il-partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha fuq din l-istess eccezzjoni.

Rat is-sentenza taghha moghtija fl-ismijiet premessi nhar it-8 ta' Jannar, 2016 fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-kuratur u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz.

Rat is-sentenza moghtija fl-istess ismijiet premessi mill-Qorti ta' l-Appell nhar is-16 t' Dicembru 2016 fejn dik l-Onorabbli Qorti varjat is-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti fis-sens li hasritha f'dik il-parti fejn laqghet

l-ewwel eccezzjoni fil-konfront tas-socjeta' Balant Group Limited u kkonfermatha ghall-kumplament u ordnat li l-atti jintbaghtu lura lil din l-ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smiegh tal-kawza.

**Ikkunsidrat.**

Rat l-affidavit ta' Mark Darmanin Kissaunipprezentat mis-socjeta' attrici permezz ta' nota nhar is-7 ta' Marzu 2018 (fol. 72) fejn stqarr illi huwa jokkupa l-kariga ta' direttur u azzjonista fis-socjeta' The Yacht Shop Limited, bin-numru ta' rrgistrazzjoni 58195 u bl-indirizz Sea Breeze, Triq Giuseppe Cali, Ta' Xbiex. Bhala attivita' kummercjali din is-socjeta' tfornixxxi provisti u servizzi varji lil jottijiet li jkunu prezenti hawn Malta. Il-General Manager ta' din il-kumpanija huwa Karl Borg u jiehu hsieb il-kordinazzjoni bejn il-kumpanija u l-klijenti taghhom.

Ikkonferma li bejn April u Lulju 2015 din is-socjeta forniet diversi provisti u servizzi lil Bastiment M/Y Regulus registrat fil-Brittanja, b'numru ufficcjali 742687 u s-socjeta' estera Balant Group Limited, Intershore Chambers, Road Town, Tortola, British Virgin Islands.

Ma' dan l-affidavit annetta fatturi u 'statement of account' li juri li l-provisti u s-servizzi li akkwistat l-ekwipagg tal-bastiment, liema fatturi flimkien jammontaw ghal erbat elef, disa' mija u sitta u tmenin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€4,986.25). Meta jghid ekwipagg, qieghed jirreferi ghal dawk il-membri tal-ekwipagg bhal Kaptan li huwa awtorizzat li jirrapprezenta l-bastiment u s-sid tal-bastiment.

Il-provisti li talbu l-ekwipagg ta' MY Regulus kienu varji u kien hemm fost affarijiet ohra, jinkludi prodotti sabiex prodotti sabiex jitnaddaf il-bastiment. Ghal dak li jirrigwarda servizzi ghamel referenza ghall-fattura datata 14 ta'

Lulju 2015 ghal ammont ta’ elfejn, hames mija u seba’ u sebghin ewro u tnax-il centesmu (€2,577.12). The Yacht Shop tramite sub appaltaturi (Manoel Island Yacht) provdiet servizzi ta’ tiswija li magna tat-‘Tender’ tal-bastiment.

Ma kull provista jew servizzi huma hargu fattura. Gara li minkejja l-fatt li huma kienu qed jigru wara l-pagamenti dovuti lilhom, il-bastiment telaq minn Malta minghajr ma hallas. I-bastiment telaq minghajr ma infurmawhom u sabiex jahrab mill-prospett li l-kumpanija tieghu taghmel xi azzjoni fil-konfront tal- bastiment.

Il-kaptan, l-ekwipagg jew sid il-bastiment qatt ma kkontestaw l-ammont ta’ fatturi jew id-dettalji taghhom. Qatt ma semghu izjed minghandhom wara li telqu minn Malta. Ghalhekk l-ammont pretiz f’din il-kawza ghadu dovut u jippretendi li jithallas ukoll ta’ l-ispejjez li nkorra kif ukoll l-imghaxijiet.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici prezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-15 ta’ Jannar 2018 li permezz taghha gew esebiti statement u fatturi li juru l-ammonti dovuti mis-socjeta intimata. Illi minn ezami tal-istatment esebit fl-atti u datat 14 ta’ Lulju 2015 jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur u cioe’ fl-ammont ta’ erbat elef, disa’ mija w sitta w tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€4,986.25).

Semghet lill-avukat difensur jiddikjara fis-seduta tat-18 ta’ April 2018 li m’ghandux provi ohra xi jressaq.

Rat in-nota tal-kuratur Avukat Dr Christopher Chircop ipprezentata fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-16 t’ April 2018 li permezz taghha ddikjara li

huwa ma hux edott mill-fatti u ddikjara li huwa m'ghandux provi xi jressaq quddiem din il-Qorti.

**Ikkunsidrat.**

Illi kif tajjeb gie osservat fis-sentenza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-25 ta' April 2002:

"*Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli.*"

Issir referenza ghas-sentenza li inghatat mill-Qorti ta' l-Appelli nhar it-28 ta' April 2003 fil-kawza fl-ismijiet fejn gie ritenut li:

"*Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu imsejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*"

Dwar min ghandu jgib il-provi sabiex jikkonvinci l-gudikant din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mil-Qorti tal-Appelli (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

"*In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor*) – Ara Vol. XLVI/i/5.

b) *Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'* – Ara Vol. XXXVII/i/577;

c) *Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* **Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici resqet lid-Direttur taghha Mark Darmanin Kissaun jixhed u jikkonferma li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma reklamata minnha fir-rikors promotur taghha u cioe' fl-ammont ta' erbat elef, disa' mija w sitta w tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€4,986.25) rapprezentanti diversi provizjonijiet u riparazzjonijiet provduti lill-bastiment M/Y Regulus kif indikat fir-rendikont u fatturi, annessi u mmarkati bhala 'Dok. A'. Illi hija esebiet id-diversi invoices flimkien ma' statement li jindika l-bilanc dovut lilha.

Illi min-naha taghha s-socjeta' konvenuta ma resqet l-ebda prova sabiex ixxekkel l-provi prodotti mis-socjeta' attrici u lanqas resqet xi prova minn rajha sabiex taghti versjoni differenti minn dik espressa mis-socjeta' attrici.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-provi prodotti l-Qorti hija propensa temmen li t-talba attrici hija gusta u timmerita li tigi konfermata.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-kuratur deputat stante li din gja giet trattata b'sentenza moghitija mill-Qorti ta' l-Appell pero' qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha rimanenti tas-socjeta' konvenuta u tilqa' t-talba attrici b'dan illi qed tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma imsemmija fir-rikors promotur fl-ammont ta' erbat elef, disa' mija w sitta w tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€4,986.25).**

**L-ispejjez huma kollha a karigu tas-socjeta' konvenuta bl-imghax mid-data tal-fattura sal-effettiv pagament.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**